“Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej”
Adorazzjoni Ewkaristika
Novembru 2026

Innu għal waqt l-Espożizzjoni

Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Kristu, int it-tama u l-maħfra,
il-qawmien u l-ħajja tagħna;
b’qalbna kollha lejk induru
meta l-ħsieb tal-mewt jifnina.

Missierna, Sliema, Glorja

Inti wkoll ġarrabt id-dwejjaq
u l-uġigħ tal-mewt qalila,
xħin mejjilt bil-ħlewwa rasek
u tajt ruħek lil Missierek.

Missierna, Sliema, Glorja

Ragħaj ħanin, tassew ħadt fuqek
il-mard tagħna w tbatijietna,
u ressaqtna lejk biex miegħek
fi ħdan Alla nbatu u mmutu.

Missierna, Sliema, Glorja

Fis-salib, dirgħajk miftuħa,
ġbidt l-imsejken u l-imnikket
lejn il-qalb minfuda tiegħek
ħa jsib fiha l-kenn u l-faraġ.

Missierna, Sliema, Glorja

Int, li l-bieb għalaqt li jagħti
għat-telfien u ftaħt tas-sema,
kun hawnhekk il-faraġ tagħna,
kun il-ħajja wara mewtna.

Missierna, Sliema, Glorja

U fuq ħutna wkoll, li raqdu
fil-mistrieħ u l-paċi tiegħek,
xerred l-hena u d-dawl ta’ wiċċek,
biex jagħtuk tifħir għal dejjem. Amen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

“Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej …” Min jaf kemm drabi smajnieh jinqara jew tlabnieh fil-funerali. Imma wkoll nitolbuh fi żmien il-Milied, hekk kif infakkru l-miġja tad-dinja tal-Iben ta’ Alla li bħala bniedem jieħu l-istess qagħda tagħna ta’

tallab, u jitlob mid-dagħbien li fih niżel mill-ogħla smewwiet għall-fidwa tagħna. “Minn qiegħ l-art insejjaħlek …” Huwa b’dawn iż-żewġ trufijiet f’idejna—it-twelid u l-mewt—imdommin flimkien fil-kliem tas-Salm 130 li aħna qed nersqu quddiem il-Mulej Ġesù, preżenti realment f’nofsna fl-Ewkaristija, l-istess kif kien preżenti realment fid-dinja meta kien jgħix fostna u hu stess ġarrab l-inżul fil-qiegħ ta’ art l-imwiet, biex minn hemm joħroġ rebbieħ fuq id-dnub u l-mewt għal dejjem, u mill-qiegħ itella’ lilna miegħu. U, aħna wkoll f’dal-ħin miġburin madwaru, filwaqt li nqimuh, bħalu u miegħu se nitolbu minn dal-qiegħ fejn ninsabu, u, fl-istess qagħda tiegħu, tal-Iben ta’ Alla magħmul bniedem, ninterċedu għall-umanità miġruħa.

Innu Ewkaristiku

Salm 130
Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej:
isma’, Sidi, il-leħen tiegħi!
Ħa jkunu widnejk miftuħa,
jiena u nitolbok bil-ħniena.

Jekk tal-ħtijiet int tagħti kas, Mulej,
Sidi, min jista’ jżomm sħiħ?
Imma għandek hemm il-maħfra,
biex hekk inqimuk fil-biża’ tiegħek.

Jien lill-Mulej nistenna,
ruħi f’kelmtu tittama.
Tistenna ruħi lil Sidi,
aktar milli l-għassiesa s-sebħ.

Aktar milli l-għassiesa s-sebħ,
jistenna Iżrael lill-Mulej!
Għax għand il-Mulej hemm it-tjieba,
u l-fidwa għandu bil-kotra.
Hu li jifdi lil Iżrael
minn ħtijietu kollha.

Minn qiegħ l-art insejjaħulek, Mulejna Ġesù, illejla, kull wieħed u waħda minna mill-qagħda li fiha ninsabu bħalissa, sew jekk mimlija hena, sew jekk mgħattnin taħt toqol il-ħajja. U minn din il-qagħda tal-eżistenza tagħna—li fl-istess waqt għandha dejjem fiha, bħal f’ġewża flimkien, it-tarf ta’ dak li hu etern għax maħluqa xbieha tiegħek, u wkoll it-tarf tal-limitu u d-dgħajef ta’ kulma hu materjali u jitherra, l-ogħla u l-iktar baxx, il-prefett u l-imperfett … minn din il-qagħda nitolbuk tisma’ l-krib tagħna għall-erwieħ tal-għeżież tagħna.

Nistħajjilna bħall-Profeta Eżekjel fil-wied tal-għadam ta' wlied Iżrael, minn qalb il-mewt nitolbuk il-ħajja; minn qalb id-dlamijiet nitolbuk id-dawl tal-ħajja, f'isem dawk li qegħdin imbenna mill-ġdid f'ġuf l-art.
Fl-istess waqt, ukoll jekk f'dal-jiem jew drabi oħra nżuru l-aħħar post ta' mistrieħ ġisimhom fiċ-ċimiterju, nafu li huma mhumiex hemm. Hemm fadal biss għadam, fdalijiet, u bċejjeċ, donnhom ważun ta' memorji miksura. Mentri l-persuna u l-personalità ta' ħutna li m'għadhomx magħna f'dil-ħajja qegħdin fi stat ieħor, stadju ieħor tal-eżistenza tagħhom.
Xi whud diġà daħlu fid-dawl tiegħek ta' dejjem li ma jintemm qatt. Lil dawn fraħna magħhom u tajna glorja lilek permezz tagħhom fis-solennità tal-qaddisin u l-ġusti kollha. Oħrajn għadhom qed jistennew id-dehra tiegħek b'tama sħiħa fil-kelma tiegħek li inti hu l-qawmien u l-ħajja, hekk li kull min jemmen fik ikollu l-ħajja, u kull minn jgħix u jemmen fik ma jmut qatt, ma jmutx għal dejjem.
Għaldaqstant, Mulej Ġesù, aħna u nqimuk fir-rebħa tiegħek fuq id-dnub u l-mewt u fil-fidwa li din kisbitilna, magħmula preżenti u effikaċi fostna b'dan l-istess Sagrament tal-Ewkaristija—tal-qamħa li tmut u, mitħuna, magħġuna, u moħmija, u mibdula f'ġismek għall-kelma tas-saċerdot—kif nagħmlu f'kull quddiesa mill-ġdid nitolbuk tiftakar f'dawn ħutna li raqdu bit-tama tal-qawmien u fil-mejtin kollha. F'għaqda magħhom—għax ir-rabtiet ta' mħabba u r-rabtiet bejn l-aħwa kollha tiegħek ma jisfaw qatt fix-xejn—aħna qed nishru u nistennew, bħalma dawk li jżommu l-għassa billejl jistennew u jixxenqu għas-sebħ.
Iva, Mulej Ġesù, aħna nistennewk. Nistennew il-laqgħa tagħna miegħek kuljum. Nistennew il-laqgħa tagħna miegħek wiċċ imb wiċċ meta aħna ngħaddu għall-ħajja l-oħra. Nistennew li inti, ix-Xemx tal-Ġustizzja, tiddi fuq wiċċ ħutna diġà mifdija b'demmek imma li għadhom qed jissaffew, jitneħħewlhom il-katarretti u kull żliġ mill-għajnejn ta' ruħhom, biex ikunu jistgħu jieqfu quddiem id-dehra tal-għaġeb tiegħek u jgawduha b'mod iktar sħiħ.

Innu Ewkaristiku

Kif jikkummenta l-Papa Benedittu XVI waqt waħda mill-katekeżijiet ta' nhar ta' Erbgħa, lil hinn mill-użu tiegħu fil-funerali, dal-kliem imnebbaħ ta' Salm 130 jinseġ għanja lill-ħniena divina u talba għat-tħabbib mill-ġdid bejn il-midneb u l-Mulej, Alla ġust imma dejjem lest biex isalvana, Alla "li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u l-fedeltà," u "jħares it-tjieba għal elf ġenerazzjoni u jaħfer il-ħażen, id-dnub u l-ħtija" (Eż 34, 6-7) (*Udjenza Ġenerali*, 19 ta' Ottubru 2005).
Huwa minn dan il-qiegħ tal-ħażen u l-ħtija li aħna wkoll se nduru lejn dil-Ħniena Dvina magħmula laħam u, magħqudin f'vuċi waħda, insejħulu u nitolbuh jisma' wkoll it-tnehid ta' qalbna f'isem tant minn ħutna madwar id-dinja li għadhom fuq din-naħa tal-eternità u li jinsabu mgħaffġin mal-qiegħa tal-art. Għal kull invokazzjoni, inwieġbu flimkien bi kliem is-Salmista: ***Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej.***

- F'isem tant nies mgħaffġin bit-toqol ta' kundizzjonijiet inumani, ta' faqar u miżerja, ta' ġuħ u għaks, nuqqas ta' xogħol; vittmi ta' traġedji umani bħat-traffikar tal-bnedmin, sfruttament, abbuż, gwerra … ***R/.***
- Filwaqt li nħossu l-uġigħ ta' tant vittmi tar-regħba, tal-għira, tal-inġustizzja, tal-mibegħda, tal-vjolenza, u tan-nuqqas ta' rispett lejn id-dinjità fundamentali ta' kull bniedem, maħluq fuq xbieha tiegħek, f'isem dawn ħutna madwar id-dinja kollha, imma anke f'artna … ***R/.***
- Aħna nistennewk, Mulej, maġenb is-sodda tal-mewt ta' dawk li waslu fl-aħħar siegħa, tal-persuni b'mard terminali u kiefer, maġenb dawk li qed imutu mixħuta f'xi ġenb ta' triq, jew abbandunati minn kulħadd, jew fuq id-diversi fronti ta' din il-gwerra dinjija oħra miġġielda bil-biċċiet … ***R/.***
- Salva lil tant imjassra minn vizzji li qed inawru ftit ftit is-saħħa ta' ġisimhom, ta' moħħhom, u ta' ruħhom; dawk li huma mjassra b'vizzji li jumiljawhom u jbaxxuhom u qalbhom hi maqtugħa għax iħossu li ma jistgħu jinħelsu bl-ebda mod … ***R/.***
- Aħna u nishru fuq il-familji tagħna u l-komunitajiet tagħna, fil-ferħ u n-niket tagħhom, fil-faraġ u fl-ostakli li magħhom jiltaqgħu … ***R/.***
- U, hekk kif niftakru f'ħutna l-mejtin, ħżiena u tajbin, nies importanti jew moħbija; hekk kif niftakru fl-erwieħ għeżież tas-saċerdoti, ir-reliġjużi, il-missjunarji, il-lajċi kkonsagrati u dawk impenjati fil-ħajja tal-komunitajiet tagħna li qdew lilek u lill-ġemgħa b'fedeltà, fil-faqar u d-dgħufija tagħhom … ***R/.***

Mulej Ġesù, ruħna tittama f'kelmtek li m'hemmx leħen li inti ma tisimgħux, m'hemmx karba li ma titlax sat-tron imqaddes tiegħek. Hekk ġibt ruħek mal-poplu l-magħżul tiegħek imjassar fl-Eġittu: "U Alla sama' l-krib tagħhom u ftakar fil-patt tiegħu ma' Abraham, ma' Iżakk, u ma' Ġakobb. Alla xeħet ħarstu fuq ulied Iżrael u ra f'liema stat kienu" (Eż 2, 24-25). U dlonk ġie msejjaħ Mosè: "jien smajt il-karba tagħhom … Ejja, mela, ħa nibagħtek għand il-Fargħun biex toħroġ lil ulied Iżrael, il-poplu tiegħi, mill-Eġittu" (Eż 3, 7-9). Forsi, bħal Mosè, quddiem dawn is-sitwazzjonijiet inħossuna li m'hemmx wisq x'nistgħu nagħmlu; li m'aħna xejn quddiem in-nies li għandhom il-poter u dawk li jikkalpestaw lil bnedmin ħuthom mingħajr skrupli. Imma inti magħna, Mulej Ġesù; magħna l-bnedmin fil-qigħan tagħna; ma' dawn ħutna mġarrbin. Għalhekk, agħti widen għat-talb tagħna. Iftaħ ukoll bwieb is-sema għall-qaddejja tiegħek, u imla lilna li għadna bil-faraġ sakemm ilkoll ninġabru madwarek għal dejjem.

Barka Sagramentali